# S T A T U T

**DOKUMENT UFFICJALI**
**GUNJU 2022**

## KAPITLU 1

## DAHLA

1.1 Dan il-Klabb, imwaqqaf fl-1907, ghandu jkun maghruf biss bl-isem ufficcjali tieghu, **HAMRUN SPARTANS FOOTBALL CLUB**. F'dan l-istatut, minn issa l-quddiem kull referenza ghal dan l-isem ser tkun bhala l-Klabb.

1.2 L-ilwien ufficjali tal-Klabb huma **L-ISWED u L-AHMAR**. L-arma ufficjali ghandha tkun ibbazata fuq dawn il-kuluri u ghandha tinkorpora s-simbolu Spartan li huma l-elmu u/jew il-kurrazza u/jew ix-xwabel.

1.3 L-ghan ewlieni tal-Klabb huwa illi jzomm it-timijiet tal-futbol tieghu skont ir-regolamenti tal-Malta Football Association, Union of European Football Associations u l Fédération Internationale de Football Association, u li jghin fl-edukazzjoni fizika u morali taz-zghazagh permezz ta' din il-loghba.

1.4 Il-Klabb ghandu jaghmel hiltu sabiex ikattar l-interess fil-loghba u jghin fil-progress taghha filwaqt li jaghmel dak kollu possibbli biex permezz tal-loghba tal-futbol, isem il-Hamrun jinzamm dejjem fil-gholi.

1.5 Il-Klabb m'ghandu jkollu ebda konnessjoni mal-politika partiggjana, u l-ebda argumenti dwar dan ma huma ttollerati fil-bini tal-Klabb, li f'dan l-istatut hu referut bhala l-Proprjeta.

1.6 L-ilsien ufficjali tal-Klabb huwa l-Ilsien Malti bhala l-Ilsien Nazzjonali tal-gzira Maltija, hekk kif stabbilit mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

1.7 Il-klabb huwa awtonomu, indipendenti, ibbazat fuq il-principju tal-volontarjat, jeskludi l-promozzjoni ta' interessi privati u mhux imwaqqaf bl-iskop li jaghmel profitt, kif definit fl-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Kapitlu 492 tal-Ligijiet ta' Malta). Minkejja dan, il-Klabb jista':

(i) jikseb qligh pekunjarju mill-attivitajiet organizzati minnhu meta dan il-qligh ma jghaddix jew ma jkunx kreditat lil xi interess privat imma jkun utilizzat esklussivament ghall-iskopijiet tal-klabb (inkluz nefqiet ragjonevoli lill-plejers u coaching staff li jappoggjaw esklussivament l-iskopijiet tal-klabb); u

(ii) jixtri u jbiegh jew b'xi mod iehor jinnegozja oggetti jew servizzi li huma relatati esklussivament mal-iskopijiet principali tal-klabb.

1.8 F'kaz ta' xoljiment, l-assi kollha tal-klabb ghandhom jghaddu favur organizzazzjoni ohra li jkunu operattivi fil-lokalita tal-Hamrun li tintghazel mill-membri, li ma taghmilx profitt u li ghandha skopijiet simili bhal dawk tal-klabb.

## KAPITLU 2

## SHUBIJA

2.1 Min ikun irid jidhol membru tesserat fil-Klabb, irid ikun ghalaq is-sittax-il sena (16) u ma jkunx imsieheb fi hdan xi klabb iehor membru tal-MFA.

2.2 Is-Segreterija ghandha r-responsabilta ta’ l-applikazzjonijiet ghal shubija fil-Klabb. Kwalsiasi rifjut ta’ applikazzjoni ghandha tigi riferita lill-Kumitat Ezekuttiv li ghandu d-decizjoni finali.

2.3 Il-hlas tas-shubija ghal stagun shih ghandha tkun determinata mill-Kumitat Ezekuttiv. Dan il-hlas irid isehh sal-ahhar ta’ Dicembru tal-istagun kurrenti. F’kaz illi l-menswalita’ tithallas wara l-ewwel ta’ Jannar, il-membru jigi obbligat illi jhallas minn qabel il-menswalita’ ghall-istagun ta’ wara, filwaqt illi l-Kumitat Ezekuttiv jzomm id-dritt ta’ penalita amministrattiva ta’ hames ewro (5 ewro).

2.4 Is-Segretarju Generali huwa fid-dmir li jipprepara u jipprezenta lista finali ta’ membri mhallsa sa tmienja u erbghin (48) siegha qabel il-Laqgha Generali Annwali. Il-membri ta’ fuq il-lista biss huma eligibbli ghall-vot, f’kaz li jkun hemm il-htiega.

2.5 Kull persuna impjegata li tippercepixxi ammont annwali komplessiv ta’ aktar minn € 500 ma tistax tkun membru.

2.6 Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu l-jedd li jiehu l-passi dixxiplinarji li jidhirlu li huma mehtiega, fosthom is-sospensjoni jew it-tkeccija minn membru tal-Klabb, kontra dawk il-membri illi l-imgieba taghhom tkun ta' ghajb ghall-Klabb jew tikser xi wiehed jew aktar mill-Artikli ta' dan l-Istatut.

2.7 Il-Kumitat Ezekuttiv jista’ jinnomina persuna bhala President Onorarju jew Membru Onorarju, liema nomina ghandha tigi approvata fil-Laqgha Generali.

## KAPITLU 3

## LAQGHAT GENERALI

3.1 Il-Laqgha Generali ghandha tinzamm darba fis-sena u tissejjah il-Laqgha Generali Annwali. Din issir wara li jintemmu l-impenji kompetittivi fl-istagun tal-futbol kif mitlub mill-MFA.

3.2 Barra mil-Laqgha Generali Annwali jistghu jsiru Laqghat Generali ohra, u li jissejhu Laqghat Generali Straordinarji, jekk il-Kumitat Ezekuttiv ihoss il-htiega jew jekk ikun hemm talba skont Artiklu 3.3.

3.3 Mhux anqas minn hmistax fil-mija (15%) li jkunu kollha regolari fil-hlas tas-shubija, ghandhom il-jedd li jitolbu bil-miktub lis-Segretarju Generali biex tissejjah Laqgha Genearli Straordinarja u jghidu x'inhu l-ghan ghal din it-talba.

3.4 Is-Segretarju wara li jkun stharreg it-talba mal-Ufficjali, u jkun ra li t-talba talimsiehba hija regolari, huwa fid-dmir li jsejjah il-Laqgha Generali Straordinarja fi zmien massimu ta’ tletin (30) jum wara d-data tat-talba.

3.5 Il-Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja ghandhom ikunu mhabbra lill-membri mill-inqas hmistax (15) il-gurnata qabel il-jum tal-laqgha. Dan irid isehh permezz ta’ cirkulari mahruga mis-Segretarju Generali. Ic-cirkulari tista’ tigi mxandra b’mod elettroniku fuq il-media tal-Klabb.

3.6 Biex Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja tkun valida, hu mehtieg kworum ta' hamsa u ghoxrin (25) imsieheb, izda ghal xi tibdil fl-istatut, il-kworum irid ikun ta' tletin (30) imsieheb.

3.7 F'kaz ta' nuqqas ta' kworum, il-Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja ghandha tittardja sa mhux aktar minn nofs siegha (30 minuta) wara l-hin avzat. Jekk wara nofs siegha jibqa' ma jkunx hemm kworum, iI-Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja tithalla ghal darba ohra. Kemm-il darba jerga’ ma jkunx hemm kworum, il-Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja ssir xorta bil-membri prezenti u tkun wahda valida.

3.8 Kull decizjoni ghandha tittiehed b'maggoranza ta' voti b'turija tal-idejn jew b'vot sigriet jekk dan jintalab imqar minn imsieheb wiehed biss.

3.9 Min ikun qed jippresiedi ma jistax jivvota hlief meta l-ghadd tal-voti jkun indaqs.

3.10 Kull mozzjoni li titressaq f'Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja ghandha tintbaghat lis-Segretarju Generali erba t'ijiem minn notifika tal-Laqgha Generali Is-Segretarju Generali, wara li jressaqha quddiem il-Kumitat Ezekuttiv, irid inizzilha fl-Agenda u wara tintbaghat lill-imsehbin kollha mac-cirkolari ghal-Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja.

3.11 Jekk mozzjoni jew proposta migjuba f'Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja ma tigix approvata, din ma tistax terga' titressaq qabel tghaddi sena.

3.12 Hadd ma jista' jipproponi, jissekonda jew jivvota f'isem haddiehor jew xi msieheb li ma jkunx prezenti fil-Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja.

## KAPITLU 4

## L-AWDITURI

4.1 Il-Klabb ghandu jkollu awdituri licenzjati bil-warrant illi jigi nnominati mill-Kumitat Ezekuttiv u approvati fil-Laqgha Generali Annwali.

4.2 L-awdituri ghandhom ikunu approvati mill-Laqgha Generali kull sena.

## KAPITLU 5

## IL-KORPI TAT-TMEXXIJA

5.1 It-tmexxija tal-Klabb hija fdata f'idejn il-Kumitat Ezekuttiv li huwa l-oghla awtorita’ u r-rapprezentant ufficjali u wahdieni tal-Klabb.

5.2 Il-Kumitat Ezekuttiv irid jahtar Sotto-Kumitat Hamrun Spartans Youth Academy, Sotto-Kumitat Sapport Spartans u Bord tal-Governanza, Etika u Dixxiplina.

5.3 Il-Kumitat Ezekuttiv, biex jghinu fit-tmexxija tal-Klabb jista' jahtar bordijiet u/jew sotto-kumitati ohra skont il-htiega, filwaqt illi l-format, il-hatriet u funzjonijiet ta’ dawn il-bordijiet jigu mfassla u mahtura mill-Kumitat Ezekuttiv.

## KAPITLU 6

## FORMAT U HATRIET TAL-KUMITAT EZEKUTTIV

6.1 Il-Kumitat Ezekuttiv tal-Klabb, ghandu jkun kompost minn mhux anqas minn sitt persuni, ossia tlett (3) membri ufficjali, imsejhin il-President, is-Segretarju Generali u t-Tezorier, u tlett (3) membri msejhin il-Membri Ezekuttivi, li wiehed minnhom ghandu jkollu l-kariga ta’ Deputat President, liema kariga tigi deciza fl-ewwel laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv.

6.2 Il-hatra tal-ufficjali u membri ssir b'elezzjoni minn fost il-membri u tkun valida ghal perjodu ta' tliet (3) snin.

6.3 F’kaz li wiehed mill-ufficjali jew membri jirrezenja jew tigi battala, din il-kariga ghandha timtela mill-kandidat Ii jkun I-ewwel fil-lista ta' dawk li ma gewx eletti fl-ahhar votazzjoni li tkun saret ghall-kariga li sfat battala.

6.4 F'kaz li wiehed mill-ufficjali jirrezenja u ma jkunx hemm lista ta' kandidati li ma gewx eletti fl-ahhar votazzjoni li tkun saret ghall-kariga li sfat battala, ghandha ssir elezzjoni minn fost il-membri tal-Klabb fi zmien ta' mhux aktar minn xahar li l-kariga tkun sfat battala.

6.5 F'kaz li wara s-sejha ghan-nominazzjonijiet godda skont l-Artiklu 6.4 ma tasal I-ebda nomina ghand il-Kummissjoni Elettorali, l-ufficjali I-ohra ghandhom is-setgha li jahtru persuna huma biex timla l-post battal. Fi zmien ta' mhux aktar minn hmistax-il jum wara l-ghazla, trid tissejjah Laqgha Generali Straordinarja fejn jigi mitlub li, l-ghazla li tkun saret, tigi kkonfermata mill-membri.

6.6 Jekk meta ssehh tali rizenja jkun baqa' mhux aktar minn xahrejn ghall-Elezzjoni tal-Membri Ufficjali, il-Kumitat Ezekuttiv jista' jaghzel membru tal-Klabb biex jimla l-kariga battala, u dan igib il-kelma 'AGENT' qabel it-titlu tal-kariga u f'tali kaz, ma jkunx hemm htiega ta' konferma f'Laqgha Generali.

6.7 Il-Kumitat izomm id-dritt illi jikkoptja membri tal-Klabb fil-Kumitat Ezekuttiv, sew b’approvazzjoni ta’ Laqgha Generali jew minghajru, kif ukoll bid-dritt tal-vot jew minghajru.

6.8 Kull membri jista’ jikkontesta ghal wahda mill-karigi ta’ ufficcjal jew Membru Ezekuttiv.

# KAPITLU 7

# FORMAT U HATRIET TAS-SOTTO-KUMITAT HAMRUN SPARTANS YOUTH ACADEMY

7.1 Is-Sotto Kumitat Hamrun Spartans Youth Academy ghandu jkun kompost minn Cermen, Segretarju, Tezorier u min-numru ta’ mhux aktar minn sebgha (7) membri ohra li lkoll iridu jkunu msiehba fil-Klabb.

7.2 L-ufficjali, ic-Cermen, is-Segretarju u l-Tezorier, kif ukoll il-membri fis-Sotto Kumitat tal-Hamrun Spartans Youth Academy ghandhom jigu approvati mill-Kumitat Ezekuttiv fi zmien xahar wara l-Laqgha Generali Annwali u l-karigi jkunu validi ghal perjodu ta' sena.

7.3 Is-Sotto Kumitat Hamrun Spartans Youth Academy ghandu jiehu hsieb li jrawwem fost il-Hamrunizi l-imhabba ghal-loghba tal-futbol u ghall-Klabb. L-Akkademja ghandha tkun affiljata ma' Assocjazzjonijiet Nazzjonali li jiehdu hsieb il-hidma favur il-loghob tal-futbol sa l-eta ta' sbatax-il sena. L-Akkademja ghandha torganizza timijiet tal-Hamrun Spartans ghall-loghob organizzat minn din l-assocjazzjoni u/jew membri affiljati maghha. Ghandha wkoll tipprovdi kowcis ghal dan il-ghan, u torganizza attivitajiet li jtellghu lit-tfal f'zghazagh u rgiel ta' karattru.

## KAPITLU 8

## FORMAT U HATRIET TAS-'SUPPORTERS CLUB'

8.1 Is-sotto-Kumitat Kumitat Sapport Spartan, ghandu jkun kompost minn Cermen, Segretarju, Tezorier u min-numru ta' mhux aktar minn sebgha (7) membri ohra li lkoll iridu jkunu msiehba fil-Klabb.

8.2 Ic-Chairman tal-Kumitat Sapport Spartan ghandu jkun membru fil-Kumitat Ezekuttiv u l-ghazla ssir mill-Kumitat Ezekuttiv fl-ewwel laqgha tieghu wara l-Laqgha Generali Annwali u l-kariga tkun valida ghal sena.

8.3 Is-Segretarju, it-Tezorier u l-membri tal-Kumitat Sapport Spartan ghandhom jigu approvati mill-Kumitat Ezekuttiv fi zmien xahar wara l-Laqgha Generali Annwali u l-kariga tkun valida ghal perjodu ta' sena.

8.4 Is-Sotto Kumitat Kumitat Sapport Spartan ghandu l-ghan illi:

(i) Jheggeg u jqanqal fost il-Hamrunizi kollha l-ispirtu ta' interess u mhabba lejn il-Klabb.
(ii) jorganizza attivitajiet kontinwi biex tinzamm l-ghaqda fost is-sapporters.
(iii) jigu ggenerati fondi b'risq il-Klabb.
(iv) jqanqal sapport kbir li jkun ikkordinat u organizzat ghall-partiti tat-timijiet Hamrunizi.

8.5 F'kaz li f'xi Sotto-Kumitat, Dipartiment jew Bord ikun hemm dizgwid u ma jintlahaqx qbil dwaru, Ic-Cermen tal-korp ikkoncernat ghandu jirreferi lill-Kumitat Ezekuttiv ghal decizjoni finali.

# KAPITLU 9

# IL-FUNZJONIJIET TA’ KORPI TA’TMEXXIJA U KARIGI EWLENIN

Il-Kumitat Ezekuttiv

9.1 Il-Kumitat Ezekuttiv huwa fid-dmir li jfassal il-politika tal-Klabb, jissorvelja u jidderiegi l-hidma tal-korpi l-ohra kollha u jahdem kontinwament fl-interessi tal-Klabb.

9.2 Il-Kumitat Ezekuttiv huwa fid-dmir u bi dritt li japprova kull nefqa ta' aktar minn elf ewro (€ 1,000) minn xi korp.

9.3 Kull membru tal-Kumitat Ezekuttiv li ma jattendix ghal tlett (3) laqghat konsekuttivi minghajr avviz u/jew raguni valida, ghandu jigi mnehhi, u postu jigi mimli skont kif ikun il-kaz tal-kariga involuta u dan jimxi skont kif hemm fir-regolamenti ta’ Kapitlu 6.

9.5 Il-President huwa l-kap ewlieni tal-Klabb u huwa ghandu d-dritt li jidher f'kull okkazjoni f'isem il-Klabb u jattendi u jippresiedi kull laqgha ta' kull korp kostitwit fi hdan il-Klabb. Huwa ghandu vot doppju f’kaz ta’ vot ugwali bejn il-membri tal-Kumitat Ezekuttiv.

9.6 Il-President, ladarba jaccetta r-rwol ta’ President, huwa mistenni li jzomm il-finanzi tal-Klabb b’mod professjonali u responsabbli.

9.7 F’dan il-kuntest il-President irid jizgura li l-membru kollha tal-Kumitat Ezekuttiv huma aggornati regolarment bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Klabb.

9.8 Hija r-responsabbilta tal-President li jizgura li t-Tezorier jipprezenta Rapport Finanzjarju kull xhar lill-membri tal-Kumitat Ezekuttiv. Dan ir-Rapport Finanzjarju jrid jigi approvat personalment mill-President.

9.9 Ladarba l-President ikollu l-informazzjoni regolari kollha dwar is-sitwazzjoni finanzjarji tal-klabb (permezz tar-Rapporti Finanzjari Mensili) il-President ghandu l-obbligu li jizgura li l-Klabb jispicca kull stagun b’Kontijiet Bilancjati.

9.10 Jekk il-Klabb jispicca stagun b’deficit, il-President irid jiehu r-responsabilta tal-bilanc negattiv fil-kontijiet tal-Klabb.

9.11 Tali Bilanc Negattiv ma jistax jingarr ghall-istagun ta’ wara. B’hekk jigi zgurat li ma jigux akkumulati djun u li kull stagun jibda bil-Kontijiet Bilancjati.

9.12 F’din is-sitwazzjoni il-President huwa obbligat li jhallas il-fondi li hemm bzonn biex fil-bidu ta’ kull stagun il-kontijiet ikun bilancjati, jigifieri il-Klabb ma jkollux djun.

9.13 Il-Kumitat Ezekuttiv jista’ jipprocedi legalment kontra l-President personalment biex jirkupra kull zbilanc li seta gie akkumulat fl-ahhar ta’ kull stagun. Tali zbilanc il-President mhux talli jkun diga jaf bih, imma jkun personalment approvah, permezz tar-Rapporti Finanzjarji Mensili.

9.14 Il-President irid isejjah, permezz tas-Segretarju Generali, il-laqghat kollha tal-Kumitat Ezekuttiv u l-Laqghat Generali. L-ebda laqgha ma tista' ssir minghajr l-approvazzjoni tieghu.

9.15 Id-Deputat President huma fid-dmir li jiehu r-responsabbiltajiet kollha tal-President, kull meta dan ghal xi raguni serja ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu.

9.16 Is-Segretarju Generali huwa fid-dmir li jirregistra dak kollu li jsir fil-Laqghat Generali u fil-Laqghat tal-Kumitat Ezekuttiv u li jzomm il-korrispondenza kollha tal-Klabb.

9.17 Is-Segretarju Generali jrid ihejji r-Rapport Amministrattiv ghal-Laqgha Generali Annwali sabiex jaghti rendikont tal-hidma tal-Kumitat Ezekuttiv. Fl-istess waqt jara li s-sotto-kumitati fi hdan il-Klabb ihejju rendikont tal-hidma taghhom biex dawn ukoll jigu pprezentati fil-Laqgha Generali Annwali.

9.18 It-Tezorier huwa fid-dmir li jzomm rendikont tad-dhul u nfiq ta' flus bid-data tal-jum li fih ikunu saru. It-Tezorier huwa responsabbli mill-finanzi kollha tal-Klabb, u ghandu jara li tinghata ricevuta fiskali ghall-flus migbura mill-Klabb. Kull dhul u nfiq irid isir mill-kont tal-klabb.

9.19 t-Tezorier huwa fid-dmir li jzomm lill-Kumitat Ezekuttiv aggornat bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Klabb permezz ta' rapporti dettaljat u kotba aggornati.

9.20 t-Tezorier huwa fid-dmir u bid-dritt li jissorvelja l-finanzi tas-sotto-kumitati u/jew bordijiet ohra.

9.21 Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu d-dritt u d-dmir li jwaqqaf mill-hidma tieghu lil kull membru ta' Dipartiment, Sotto-Kumitat jew Bord, jekk jinnota xi irregolarita finanzjarja, u ghandu immedjatament jinforma lill-President u lis-Segretarju Generali biex jitlaqqa' I-Kumitat Ezekuttiv ghal xi decizjoni.

9.22 F'kaz ta' suspett ta' qerq jew misapproprijazzjoni tal-fondi tal-Klabb, jew kull xorta ta' frodi ohra bi hsara ghall-Klabb min-naha tat-Tezorier, ghandha tinhatar Kummissjoni 'ad hoc' maghzula minn persuni li ma ghandhom I-ebda konnessjoni mal-Klabb, biex tinvestiga l-kaz.

9.23 Fil-Laqgha Generali Annwali t-Tezorier ghandu jaghti rendikont tas-sena kollha, iffirmat mill-Awditur, u ghandu juri tqabbil mar-rendikont tas-sena precedenti.

9.24 Il-membri I-ohra tal-Kumitat Ezekuttiv huma fid-dmir li jghinu lill-Ufficjali fit-tmexxija ghaqlija tal-kazin, u dan permezz ta' hidma u kontribut, kemm waqt il-laqghat, u kemm barra mil-laqghat.

9.25 Il-Kumitat Ezekuttiv huwa fid-dmir li, kwalsiasi decizjoni ta’ natura ordinarja jew straordinarja li mhux regolata mill-iStatut, jitlob li tissejjah Laqgha Generali Straordinarja sabiex il-membri jiehdu decizjoni fl-imsemmija laqgha.

# KAPITLU 10

# L-ELEZZJONI

10.1 Hekk kif tintemm il-partecipazzjoni tat-timijiet tal-Klabb fil-Kompetizzjonijiet Nazzjonali ghandha ssir il-Laqgha Generali Annwali li fiha I-imsehbin jinnominaw u japprovaw tliet (3) kummissjonarji u sostitut minn fosthom biex imexxu I-elezzjoni ghall-hatriet deskritti f'kapitlu 6.

10.2 L-ebda kummissjonarju jew sostitut ma jista' jikkontesta l-hatra ghal xi post fil-Kumitat Ezekuttiv.

10.3 Il-hatra tal-Kummissjoni tibqa' ssehh ghal perjodu ta' sena sa qabel il-Laqgha Generali Annwali ta’ wara.

10.4 Il-kummissjonarji, wara li jigu approvati, ghandhom ihabbru d-data u l-hin tal-elezzjoni u ghandhom imexxu l-process ta’ kif jilqghu n-nominazzjonijiet ghall-hatriet fil-Kumitat Ezekuttiv fl-ahjar interess tal-Klabb.

10.5 Kull kandidat propost irid ikun ilu msieheb mhux anqas minn sitt (6) xhur fi hdan il-Klabb.

10.6 Kull nomina ghandha tkun iffirmata minn imsieheb proponent u iehor sekondant, flimkien mal-firma tal-kandidat propost u dikjarazzjoni li huwa jaccetta n-nomina.

10.7 Ismijiet li jigu proposti wara li jghaddi l-hin tal-gheluq tan-nominazzjonijiet ma jigux accettati.

10.8 Il-Kummissjonarji ghandhom il-jedd li jitolbu lill-kandidati proposti kull xorta ta' dokument ta' identifikazzjoni li jidhrilhom li hu mehtieg.

10.9 Il-karti tal-voti ghandhom jigu stampati u ffirmati mill-Kummissjonarji.

10.10 Il-karti tal-voti li l-Kummissjoni hi fid-dmir li tipprepara huma:

(i) Ghall-hatra ta' President
(ii) Ghall-hatra ta' Segretarju Generali.
(iii) Ghall-hatra ta' Tezorier.
(iv) Ghall-hatra ta' membri fil-Kumitat Ezekuttiv

10.11 F’kaz illi wiehed jew aktar mill-postijiet ufficjali ezekuttivi ma jimteliex minhabba artiklu 10.13, in-numru ta’ postijiet vakanti jimtela min-nominazzjonijiet tal-membri ezekuttivi.

10.12 Jekk f’kaz illi ma jkunx hemm bizzejjed nominazzjonijiet, il-Kumitat Ezekuttiv il-gdid ghandu d-dritt li jinnomina membru tal-Klabb.

10.13 F'kaz li l-ahhar mili ta’ post minn dawk eletti f'xi hatra skont artiklu 10.12, isir b'aktar minn kandidat wiehed li jgibu numru ta' voti ndaqs ghandha tinzamm elezzjoni bejniethom mhux aktar tard minn hamest (5) ijiem wara t-thabbir tar-rizultat.

10.14 Is-Segretarju Generali ghandu jghaddi l-lista tal-imsehbin skont Artiklu 2.4 lillKummissjoni, u dawn ghandhom inizzlu nota ta’ min ivvota fuq il-lista pprovduta.

10.15 Kif jitlesta l-ghadd tal-voti il-kummissjonarji ghandhom iwahhlu lista bir-rizultat fin-Notice Board tal-Kazin, u wara din il-lista flimkien mal-listi l-ohra u l-karti tal-voti, ghandhom jinghataw lis-Segretarju Generali biex jerfaghhom.

10.16 Il-listi u l-karti tal-voti merfugha ghand is-Segretarju Generali m'ghandhomx jigu distrutti qabel ma jghaddi zmien il-hatra, jigifieri tliet (3) snin f'kaz ta' Membru Ufficjal u sena (1) fil-hatriet l-ohra.

## KAPITLU 11

## REGOLAMENTI GENERAL

11.1 Ma jista’ jsir l-ebda gbir ta’ flus minghajr il-permess tal-Kumitat Ezekuttiv.

11.2 Kull talba biex membru jidher quddiem il-Kumitat Ezekuttiv ghandha tintbaghat lis-Segretarju Generali bil-miktub, u dan huwa fid-dmir li jressaqha quddiem il-Kumitat Ezekuttiv fl-ewwel laqgha li tinzamm.

11.3 Kull ittra anonima jew ingurjuza kontra xi membru tal-Klabb, li jircievi s-Segretarju Generali, ghandu juriha biss lill-President privatament u wara titqieghed go fajl sigriet minghajr ma tinqara f'laqgha tal-Kumitat Ezekuttiv.

11.4 Il-bottegin tal-kazin ghandu jinghata bl-offerti ghal zmien li jigi determinat mill-Kumitat Ezekuttiv.

11.5 F'kaz ta' mewt ta' membru tal-Kumitat Ezekuttiv fil-kariga jew plejer ta' wiehed mit-timijiet tal-Klabb, ghandha tittajjar il-bandiera ufficjali mezz’asta ghal tlett (3) t’ijiem. F'kaz ta' mewt ta' xi msieheb ghandu jsir viztu mal-bieb tal-kazin ghal mhux aktar minn tlett (3) t’ijiem. Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu d-dritt li meta tinhass il-htiega, jirregola zidiet fuq dan.

11.6 Ghandhom jigu mtajjra bnadar fil-Festi Nazzjonali, Festi Hamrunizi u kull meta l-Kumitat Ezekuttiv ihoss li jkun xieraq li jsir dan. Ma jistghux jittajru bnadar mill-kazin jekk ma jkunux il-Bandiera ufficjali tal-Klabb u l-Bandiera Nazzjonali.

11.7 L-isem Hamrun Spartans Football Club u l-arma ufficjali kif spjegati f'Artikli 1.1 u 1.2, ghandhom ikunu rregistrati ufficjalment. Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu jara li ma jsir l-ebda uzu taghhom jekk mhux bil-permess miktub tal-Kumitat Ezekuttiv.

11.8 L-ebda artiklu minn dan l-Istatut ma jista' jinbidel minghajr l-approvazzjoni ta' Laqgha Generali Annwali jew Laqgha Generali Straordinarja.

11.9 Ir-regolamenti kollha li ma jaqblux ma' dan l-istatut m’humiex siewja.

11.10 Meta tinqala' diffikulta li ma tkunx tista' tigi solvuta bl-ghajnuna ta' dan l-istatut, il-Kumitat Ezekuttiv ghandu l-jedd ghal soluzzjoni kif jifhimha hu, wara li jittiehed parir professjonali.

Approvat fil-Laqgha Generali Annwali mizmuma nhar il-Gimgha 3 ta' Gunju, 2022

____________________

**Joseph Portelli**
President

____________________

**Stephen Saliba**
Segretarju Generali